A.L. 23 ta' l-2006

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti ta' l-2006 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Arts (Tourism Studies) – B.A.(Tourism Studies) – u Bachelor of Arts (Honours) (Tourism Studies) – B.A. (Hons) (Tourism Studies) – taħt il-patroċinju tal-Fakulta' ta' l-Ekonomija, Management u Accountancy

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakulta' ta' l-Ekonomija, Management u Accountancy bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 37(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 37(2) ta' dak l-Att:

Titolu u Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jisssejħu bħala l-Ordinamenti ta' l-2006 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għall-gradi ta' Bachelor of Arts (Tourism Studies) – B.A. (Tourism Studies) – u Bachelor of Arts (Honours) (Tourism Studies) – B.A. (Hons) (Tourism Studies) – taħt il-patroċinju tal-Fakulta' ta' l-Ekonomija, Management u Accountancy.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba l-kuntest ma jitlobx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakulta' ta' l-Ekonomija, Management u Accountancy;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Bachelor of Arts (Tourism Studies) - B.A. (Tourism Studies) - jew il-grad ta' Bachelor of Arts (Honours) (Tourism Studies) - B.A.(Hons) Tourism Studies - kif xieraq;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Bachelor of Arts (Tourism Studies) - B.A. (Tourism Studies) - jew għall-grad ta' Bachelor of Arts (Honours) (Tourism Studies) - B.A. (Hons) (Tourism Studies) - kif xieraq; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004.

L-Applikabilita'

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2003 jew wara.

L-Oqsma ta' Studju

3. (1) Il-grad ta' Bachelor of Arts (Tourism Studies) jingħata fit-Tourism Studies bħala qasam ta' studju Ewlieni Ordinarju.

(2) Il-grad ta' Bachelor of Arts (Honours) (Tourism Studies) jingħata fit-Tourism Studies bħala qasam ta' studju Ewlieni bl-Unuri.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

4. (1) Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Universita'.

(2) L-applikanti li għandhom id-Diploma in Hospitality Management mogħtija mill-Institute of Tourism Studies (Malta), jew xi kwalifika ekwivalenti, jistgħu jidħlu fit-Tielet Sena tal-Kors taħt dawk il-kundizzjonijiet li l-Bord jista' jimponi, inkluża dik li jiksbu 12-il kredtu żejda għal taqsimiet studju speċifikati mill-Bord.

It-Tul tal-Kors

5. (1) Il-kors għall-grad ta' Bachelor of Arts (Tourism Studies) jinfirex fuq medda ta' tlett snin ta' studju fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti tagħhom fuq bażi *part-time*.

(2) Il-kors għall-grad ta' Bachelor of Arts (Honours) (Tourism Studies) jinfirex fuq medda ta' erba' snin ta' studju fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti tagħhom fuq bażi *part-time*.

Il-Programm tal-Kors

6. (1) Il-Kors għandu jikkonsisti f'żewġ partijiet: l-Ewwel Parti u t-Tieni Parti.

(2) L-Ewwel Parti tikkonsisti fl-ewwel tlett snin tal-Kors u għandha tkun komuni kemm għall-kors li jwassal għall-Bachelor of Arts (Tourism Studies) kif ukoll għall-kors li jwassal għall-Bachelor of Arts (Honours) (Tourism Studies).

(3) L-ewwel u t-tieni sena jikkonsistu f'taqsimiet studju obbligatorji u elettivi li għalihom hemm assenjati 56 kredtu u taqsimiet studju fakultattivi li għalihom hemm assenjati 4 kredti kull sena.

(4) It-tielet sena tikkonsisti f'taqsimiet studju obbligatorji u elettivi li għalihom hemm assenjati 60 kredtu.

7. L-istudenti kollha huma meħtieġa li l-ewwel jirreġistraw għall-kors għall-Bachelor of Arts (Tourism Studies).

8. L-istudenti li jtemmu b'suċċess l-Ewwel Parti tal-Kors billi jiksbu 180 kredtu jingħataw il-grad ta' Bachelor of Arts (Tourism Studies), ħlief jekk jagħżlu li jkomplu għat-Tieni Parti tal-Kors, jekk ikunu eliġibbli.

9. L-istudenti jkunu eliġibbli biex ikomplu għat-Tieni Parti tal-Kors jekk huma jtemmu b'suċċess l-Ewwel Parti tal-Kors u jekk ikunu ġew ikklassifikati fit-Tieni Kategorija fil-klassifikazzjoni għall-għoti tal-grad ta' Bachelor of Arts (Tourism Studies).

10. It-Tieni Parti tal-Kors tikkonsisti fir-raba' sena li twassal għall-grad ta' Bachelor of Arts (Honours) (Tourism Studies) u tinkludi taqsimiet studju obbligatorji u elettivi, li għalihom hemm assenjati 60 kredtu inkluża dissertazzjoni ta' bejn l-10,000 u t-12,000 kelma.

11. L-istudenti li ma jtemmux it-Tieni Parti jingħataw il-grad ta' Bachelor of Arts (Tourism Studies) ikklassifikat skond il-kriterji indikati fil-paragrafu (1) ta' l-ordinament 13.

Il-Programmi ta' Studju

12. Il-Bord għandu jippubblika l-programmi ta' studju mfassla skond il-provvedimenti rilevanti tar-Regolamenti Prinċipali, u approvati mis-Senat. Suġġett għall-approvazzjoni mis-Senat, il-Bord jista' jagħmel it-tibdiliet neċessarji fil-programmi ta' studju u fit-taqsimiet studju meħtieġa għall-Grad kif ikun hemm bżonn.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti

13. (1) Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-klassifikazzjoni tal-grad ta' Bachelor of Arts (Tourism Studies) għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fit-tlett snin ta' l-Ewwel Parti tal-Kors, li jkollhom dan il-piż:

Marka Medja ta' l-Ewwel Sena	15%
Marka Medja tat-Tieni Sena	20%
Marka Medja tat-Tielet Sena	65%.

(2) Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-klassifikazzjoni tal-grad ta' Bachlelor of Arts (Honours) (Tourism Studies) għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fl-erba' snin tal-Kors, li jkollhom dan il-piż:

Marka Medja Mwieżna ta' l-Ewwel Parti	35%
Marka Medja tar-Raba' Sena	65%.